KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Erbgħin (40)***

***It-Tlieta, 23 ta' Novembru, 2021***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**40.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

40.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

40.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 39 li nżammet nhar it-Tlieta, 26 ta' Ottubru, 2021.

40.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 39 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

40.2.3 **Mozzjoni 40-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 39.

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Minuti Numru 39 ġew approvati unanimament.

**40.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**A. *Skeda ta' Pagamenti : Numru 40 (08) – Novembru 2021***

40.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 40(08) permezz cheque numru 7179 (ref. 10150) sa 7181 (ref. 10152) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10142 sa 10175 li jammontaw €20,437.85

40.3.2 Tressaq ukoll pagament għall-*coaches* li taw is-servizz tagħhom fis-Summer School li ġiet organizzata matul is-Sajf man-Nursery ta' Ħal Għaxaq. L-ispiża hija ta' €1100.

40.3.3 **Mozzjoni 40-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 40(08) bl-ammont ta' €20,437.85 u magħhom jiżdied l-ammont imsemmi f'materja 40.3.2

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 40(08) ġiet approvata unanimament.

*Bi qbil unanimu mill-membri preżenti, il-Kunsill iddiskuta materja numru 40.7 Korr0,ispondenza*

**40.7 <u>Korrispondenza</u>**

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Kunsillier Keith Fenech.*

40.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill it-Tender tal-Bejgħ tal-Garaxx tal-Kunsill kif kien maqbul unanimament f'laqgħat preċedenti. L-istima li ingħatajna mill-Perit hija ta' €45,000 mingħajr VAT. Fit-tender se jiġi nkluż li l-offerent irid jissuplixxi l-Kunsill b'kirja ta' garaxx tal-istess daqs ta' li għandna bħalissa għall-perjodu ta' sentejn. Il-Kunsill qabel li t-tender tal-garaxx jiġi ppublikat fil-jiem li ġejjin. Il-Kunsill qabel ukoll li jikteb li jirriserva d-dritt li jirrifjuta anki l-iktar offerta vantaġġjuża, għandu jintalab l-użu tal-garaxx biex ikun preferit ukoll jekk l-użu tal-garaxx ikun għal servizz lill-komunita'.

40.7.1 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex titwaħħal *bike rack* fejn l-iskola. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

40.7.3 Tressqet korrispondenza rigward il-performance bonus tal-ħaddiema tas-CWSEF. Il-Kunsill qabel li nimxu bħas-sena l-oħra fejn żewġ ħaddiema jingħataw il-massimu filwaqt li ħaddiem minnhom jingħata ftit inqas minħabba li hemm xi affarijiet li jridu jitjiebu fil-performance tiegħu. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

40.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar it-tiżjin tal-Milied fejn staqsiet jekk hux se jsir bħas-sena l-oħra. Rigward is-siġra tal-Milied, il-Kunsill qabel li din is-sena nitolbu lill-Għaqda Mużikali Santa Marija jekk jixtiequx jarmawha bl-istess prezz tas-soltu. Dwar dan il-Kunsill qabel.

40.7.5 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex jitpoġġa kontenitur biex ir-residenti ikunu jistgħu jitfgħu żejt użat. Minħabba li m'hawnx talba għaliha, il-Kunsill ma qabilx li ssir f'dan l-istadju.

*F'dan l-istadju l-Laqgħa ġiet sospiża għal nofs siegħa (7.05pm). Attenda l-Kunsillier Andreas Gatt.*

*Il-Laqgħa tkompliet (7.35pm) L-agenda tkompliet skond is-sekwenza.*

**40.4 <u>Aġġudikazzjoni tat-Tender GHLC/T/02/2021 : Tender for the Professional Services of an Architect</u>**

40.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kien hemm 6 offerti mitfugħa fejn bejn l-orħos offerta u l-ogħla waħda hemm diskrepanza sostanzjali fil-prezz.

40.4.2 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li l-aħjar li l-Kunsill jara r-rati differenti biex ikun jista' jkun f'pożizzjoni li jiddeċiedi dwar liema hija l-iktar offerta vantaġġjuża.

40.4.3 Is-Sindku Darren Abela qal rigward il-proġett tat-Turretta qed jipproponi li l-Kunsill jibqa' jaħdem mal-Perit preżenti minħabba li huwa iktar kompetenti fir-restawr.

40.4.4 Is-Sindku Darren Abela qal ukoll li l-proġett ta' Santu Rokku minħabba li bdih il-Perit preżenti jista' jkun hemm problemi meta niġu nagħmlu c-*Change of Architect.* Il-Kunsill qabel li għal proġett ta' Santu Rokku jkompli il-Perit preżenti iżda jingħata deadline meta jibgħat id-dokumenti biex il-proġett ma jaqax lura.

40.4.5 Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**40.5 Aġġudikazzjoni tat-Tender GHLC/T/03/2021: Tender for the Collection of Bulky / WEEE Refuse for the Ħal Għaxaq Local Council using Low Emission Vehicles**

40.5.1 Tressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport tal-Evalwazzjoni tal-Bord għat-Tender GHLC/T/03/2021: Servizz ta' Bulky Refuse/WEEE fejn irrakomanda li tingħażel l-orħos offerta tas-Sur M.Dimech għall-prezz ta' €2494.80

40.5.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tat-Tender għas-Servizz tal-Bulky / WEEE.
**Mozzjoni 40-03:** Biex tingħażel l-offerta tas-Sur M.Dimech għall-prezz ta' €2494.80
Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius
It-Tender GHLC/T/03/2021: Servizz ta' ġbir ta' Bulky/ WEEE ġie approvat unanimament.

**40.6 Ġbir ta' Skart Riċiklat**

40.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-Ġbir ta' Skart Riċiklabbli se jkun qed jittermina l-ġbir ta' skart riċiklabbli b'effett mill-1 ta' Diċembru 2021.

40.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kuntrattur diġa ttermina s-servizz tal-ġbir tal-kartun mill-ħwienet lokali f'Novembru 2021 u l-Kunsill kellu jiġbor darbtejn il-kartun bil-ħaddiema tiegħu. Iżda dan is-servizz ma jistax jibqa' jsir minħabba li mhux fir-responsabbilita' tal-Kunsill li jiġbor skart kummerċjali.

40.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din il-kwistjoni qed tiġi diskussa fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali u se jigwidawna kif se nipproċedu.

**40.8 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

40.8.1 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li minħabba li l-egħluq tat-toroq m'għadux fir-responsabbilita' tal-Pulizija, is-Sindku ppropona li nixtru bollards biex inkunu nistgħu nagħlqu t-toroq. Il-Kunsill qabel li jixtri bollards li jingħalqu bil-katnazz iżda li jkunu ħfief biex jinġarru.

40.8.2 Is-Sindku Darren Abela fakkar li l-Kunsill huwa obbligat li jimpjega Project Manager u għaldaqstant qed jipproponi li l-Kunsill ikollu dan il-Project Manager li jkun kapaċi jmexxi l-ħaddiema u jqassam ix-xogħol u wara jara li x-xogħol sar kif suppost. Il-Kunsillier Keith Fenech ippropona li jsir eżerċizzju biex il-Kunsill jara jekk hux f'pożizzjoni li jħallas għal Contracts Manager. Il-Kunsillier Keith Fenech talab li ħaddiem minn tagħna jibda jagħti xi xogħol lin-Nursery. Is-Sindku qal li se jitlob biex jibgħatulna ħaddiem ieħor.

40.8.3 Is-Sindku Darren Abela qal li fi Triq Dun G.Demicoli għad hemm problema kbira tal-ilma, li meta tagħmel ammonti kbar ta' xita hemm djar li jidħlilhom l-ilma. Għaldaqstant ippropona li nerġgħu nibghatu lill-Infrastructure Malta sabiex naraw hemmx xi żviluppi dwar il-proġett tal-culvert li kien propost minn Infrastructure Malta.

40.8.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona li titpoġġa kamra oħra għall-qtates fi Triq il-Ġistakor minħabba li hemm ammont ta' qtates fiż-żona li m'għandhomx fejn jistkennu. Dwar dan il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

40.8.5 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar triq li hemm fejn il-Post tan-nar ta San Guzepp li tinsab bla isem. Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li tissema 'Triq il-Fidwa'. Dwar dan il-Kunsill qabel.

40.8.6 Is-Sindku Darren Abela qal li meta sar it-tarmak fi Triq Dun Mattew Scriha instabu xi *shelters* li tħalliet il-bokka għalihom. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qed ikollna diversi lmenti mingħand in-nies dwar it-tip ta' tarmak li ntuża' u anki l-Perit tal-Kunsill ġibed l-attenzjoni. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li niktbu lill-Infrastructure Malta li x-xoghol ma sarx sewwa.

40.8.7 Is-Sindku Darren Abela qal li Triq Dun Marcell Mallia qed tisfronda. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li nibghatu lill-Infrastructure Malta.

40.8.8 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm laqgħa dwar ic-Charging Points li ma jistax jattendi għaliha minħabba impenji oħra. Għaldaqstant stieden lill-Kunsilliera biex min jista' jattendi minfloku.

40.8.9 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn jinbidel isem ta' Triq Maestro Felix Atanasio u isir taċ-ċaqquf. Il-Kunsill qabel li jġib stima biex isir taċ-ċaqquf.

40.8.10 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn tinżabar siġra li tinsab fi Triq il-Qattus ġo propjeta privata iżda l-friegħi tagħha ħierġin fit-triq. Il-Kunsill qabel li jikteb lir-resident biex tinżabar, u jekk ma jkunx hemm risposta, ikollna niżbruha aħna.

40.8.11 Is-Sindku Darren Abela ppropona li t-tabelli li twaħħlu fiż-żona taż-Żebbuġ jinqalgħu minħabba li ż-żona mhix fir-responsabbilita' tal-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx li dawn jinqalgħu iżda jekk hemm xi nies li fuq is-social media qed jiktbu ħafna kummenti dwar din iż-żona, il-Kunsill jista' joħroġ Stqarrija fuq il-media soċjali fejn jispjega dwar din is-sitwazzjoni u jagħti l-informazzjoni lin-nies.

**40.9 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm bżonn jitwaħħal l-isem ta' Triq Dun Marcell Mallia, in-naħa ta' ġewwa minħabba li m'hemmx tabella. Il-Kunsill qabel.

**40.10 Mozzjonijiet**

40.10.1 Annessi mal-Minuti

**40.11 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

40.11.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 14 ta' Diċembru 2021 fil-5.30pm u se ssir fil-Kunsill Lokali.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 40**

**Mozzjoni Ref:** 40-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 39

| | |
|---|---|
| **Christine Dalli**<br>**Proponent** | **Rose Agius**<br>**Sekondant** |

**Data:** 23 ta' Novembru 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 40**

**Mozzjoni Ref: 40-02**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Nru 40(08)

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

**Data:** 23 ta' Novembru 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 40**

**Mozzjoni Ref: 40-03**

Biex jiġi approvat r-Rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni għat-Tender GHLC/T/03/2021: Tender for the Collection of Bulky / WEEE Refuse for the Ħal Għaxaq Local Council using Low Emission Vehicles

**Keith Fenech**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

**Data:** 23 ta' Novembru 2021

Fiona Cutajar
**Segretariju Ezekuttiv**